MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 113/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarju tas-socjeta' estera CGU plc ta' Perth Scotland, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha**
**Aiden James, Marion Poucher, Francis Caruana, Mary Mallia, Saviour Mallia, Mark Anthony Mallia, Emilia Pace**
**u Joseph Farrugia.**

**vs**

**Bargain Holidays Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm351) rappresentanti

rifuzjoni ta’ flus ta’l-assigurati tas-socjeta attrici in segwitu ghal vjaggi ikkancellati li ghalihom gew kompensati mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’l-avviz kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fl-4 ta’ Frar 2003, fejn gie ecceppiet illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. It-talbiet attrici huma preskritti.
3. T-talba attrici ma hijiex cara u minhabba f’hekk il-konvenuti ma humiex f’posizzjoni li jaghmlu eccezzjonijiet kompleti. L-avviz lanqas biss jindika liema vjagg kien kancellat u ghal x’hiex hu dovut l-ammont pretiz.
4. L-persuni li ikunu ipprenotaw vjagg u wara hallsu ghal biljett ma jistghux jikkancellaw u jekk jaghmlu hekk ghal kwalsiasi raguni huma jitilfu l-flus li ikunu hallsu.
5. Fil-fatt l-konvenuti ikunu xtraw u hallsu l-prezz lil terzi liema ammont ma ikunx rifondibbli f’kaz li l-klijent ma jersaqx ghal vjagg.

Sema' x-xhieda ta’ Alberto Bisazza in rappresentanza tas-socjeta attrici, ta’ Joseph Farrugia u ta’ Robbie Borg in rappresentanza tas-socjeta konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti, kif ukoll ta’l-affidavits kontenenti x-xhieda bil-gurament ta’ Mary Mallia, Marion Poucher u ta’ Emilia Pace.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta attrici qieghda titlob rifuzjoni ta’ flus li hija hallset lill-assikurati taghha b’konsegwenza tal-fatt illi l-vjagg illi huma kienu ipprenotaw mas-socjeta konvenuta, u li tieghu kienu hallsu l-prezz intier, kien gie ikkancellat min-naha ta’l-istess assikurati.

Illi mill-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Novembru 2003, l-partijiet iddikjaraw li qeghdin jaqqblu fuq is-segwenti fatti:

1. illi r-raguni ghaliex thassru l-vjaggi mertu tal-kawza kien ghal kollox indipendenti minn Bargain Holidays.
2. meta lill-klijenti ta' Bargain Holidays marru jinfurmawhom li l-*holiday* ma setghux jehduha, hadd minnhom ma gie offrut flus lura u lanqas *credit notes*, anzi gew riferiti lura lill-*insurance* taghhom sabiex ma jitilfux l-flus tal-vjagg.
3. is-socjeta konvenuta ma kellhiex l-obbligu li toffri la flus u lanqas *credit note*.
4. is-socjeta konvenuta ghamlet offerta ta' *credit note* lill-klijenti taghha f'data wara li sar il-kumpens mis-socjeta attrici.
5. L-assikurazzjoni hallset l-valur tal-vjagg minbarra l-*premium* u l-*excess*.
6. Wara d-data ta'l-imsemmi pagament, l-assikurazzjoni ma hallset xejn iktar.

Illi f'nota ipprezentata fil-21 ta' Jannar 2004, is-socjeta attrici b'referenza ghal dak iddikjarat fl-imsemmi verbal fil-punt numru 3, ipprecizat illi li ried jigi imfisser kien illi s-socjeta konvenuta ma kellhiex l-obbligu taghti flus jew *credit notes* lura lill-klijenti taghha fis-somma totali li kienet imhallsa minnhom bhla rifuzjoni ghall-vjaggi ikkancellati ghajr ghal Lm39 kull passiggier li komplessivament jammontaw ghal Lm351.

Illi s-socjeta konvenuta preliminarjament tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni, izda tonqos milli tindika d-disposizzjoni tal-ligi li abbazi taghha hija qieghda tressaq tali difiza. Illi ghalhekk ghal din ir-raguni u abbazi tal-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna, din l-eccezzjoni ma tistax tigi ikkunsidrata u kwindi qed tigi respinta.

Illi fil-mertu jidher illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti tal-kaz fis-semplicita taghhom. Illi jirrizulta illi l-assikurati tas-socjeta attrici kienu ipprenotaw vjagg mas-socjeta konvenuta, liema vjagg gie sussegwentement ikkancellata mill-assikurati stess ghal ragunijiet personali taghhom u dana skond kif jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Farrugia, Emilia Pace, Mary Mallia u Marion Poucher. Illi s-socjeta attrici hallset abbazi tal-polza ghat-telf li sofrew l-assikurati taghhom konsistenti fil-prezz tal-vjagg. Kien biss

sussegwentement illi dawn in-nies gew offruti *credit note* mis-socjeta konvenuta. Fil-fatt mill-affidavit ta’ Mary Mallia u Emilia Pace, jirrizulta illi s-socjeta konvenuta lanqas *credit note* me riedet toffrilhom, meta huma cemplu sabiex jikkancellaw il-vjagg. Il-*credit notes* kienu gew offruti sussegwentment wara li kien sar il-hlas mis-socjeta attrici. (ara Dokumenti A u B a fol12 u 13). Illi s-socjeta attrici abbazi tas-surroga, qed tfittex lis-socjeta konvenuta ghall-ammont ta’ flus imhallsa, stante li qed tallega illi s-socjeta konvenuta kienet responsabbli ghal dana it-telf.

Illi Alberto Bisazza, rappresentant tas-socjeta attrici, jixhed illi wara li huma kien hallsu il-*claim* lill-assikurati taghhom, kienu ikkomunikaw mas-socjeta konvenuta, fejn huma avzawha illi kienet saret *claim* u baghtulha ukoll lura il-biljetti ta’l-ajru in kwistjoni. Meta huma staqsew lis-socjeta konvenuta jekk kienx hemm xi *refunds* dovuti lejhom, gew infurmati illi kienu ser joffru biljetti ta’l-ajru bhala kumpens. Dana ma setax jigi accettat stante illi s-socjeta attrici kient diga effettwat il-pagament abbazi tal-polza.

Min-naha tieghu Robbie Borg, li xehed in rappresentanza tas-socjeta konvenuta, jikkontendi illi l-istess socjeta konvenuta ma hijiex tenuta thallas jew tirrifondi flus li ikunu hallsu l-klijenti taghhom ghal biljetti, meta il-vjagg jigi ikkancellat min-naha taghhom. Huwa jikkontendi illi dana jaghmluh car meta il-klijent imur sabiex jixtri il-biljett u sahansitra huma ighaddulhom kopja tal-“*booking conditions*”, kopja ta’ liema hija esbieta a fol.54 tal-process bhala Dokument RB1. Fil-fatt il-klawsola li tittratta il-kancellament tal-vjagg mill-klijent taqra testwalment:
“Any member in the party may cancel the travel arrangements at any time either in whole or in part. Written notification from the person who made the booking must be received at our office. Since Bargain Holidays incur costs in cancelling your travel arrangements, you will have to pay the applicable cancellation charges….. No refunds will be made for services booked and not utilized. If the client for whatever reason interrupts a tour/holiday, no refund will be affected.” Is-socjeta konvenuta. F’dawn il-kundizzjonijiet

ghalhekk tghaddi sabiex tirrikmanda lill-klijenti taghha sabiex jaghmlu polza ta'l-assikurazzjoni li ikopri ukoll eventwali kancellament.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta minghajr l-icken dubbju, illi l-assikurati tas-socjeta attrici ikkancellaw il-vjagg in kwistjoni ghal ragunijiet personali taghhom u mhux minhabba xi htija jew nuqqas da parti tas-socjeta konvenuta. Illi s-socjeta attrici hallset lill-assikurati taghha abbazi tal-polza illi huma kienu akkwistaw minn ghand l-istess socjeta attrici ghal vjagg in kwistjoni.

Illi l-kuntratt ta'l-assikurazzjoni, ta' min jirrileva, hu kuntratt *sui generis* bejn l-assikurat u l-assikurazzjoni. L-assikurazzjoni tiehu riskju minflok l-assigurat taghha u ta' dan tigbor *premium* u ta' dak il-*premium* taghti servizz lill-assikurat li kemm il-darba dak l-event isehh allura l-persuna li tkun assigurata tithallas jew tad-dannu jew ghas-somma mifthiema. Il-kuntratt ta'l-assikurazzjoni huwa kuntratt aleatorju. L-alea jew ir-riskju jikkonsisti fil-possibilta' ta' event ekonomiku sfavorevoli. Ghalhekk meta jissucidi dan l-event ekonomiku sfavorevoli ghal persuna assigurata, jinsorgi l-obbligu fl-assiguratur li jirrisarcixxi d-danni u ihallas l-indenniz. Hekk gara f'dan il-kaz. Is-socjeta attrici hallset abbazi tal-kuntratt li gie iffirmat bejnha u bejn l-assikurati taghha fejn fost affarijiet ohra is-socjeta attrici intrabtet illi thallas lill-assikurati taghha fl-eventwalita illi ikun hemm kancellament tal-vjagg minnhom prenotat u dana ghal kwalunkwe raguni. Dana huwa ir-riskju li hadet is-socjeta attrici, ghal liema riskju hija irceviet kumpens minn ghand l-assikurati taghha. Illi hekk kif isehh l-event dannuz u l-assikurazzjoni taffettwa il-pagament abbazi tal-polza, issir id-debita surroga skond il-ligi sabiex l-assikurazzjoni ikollha dritt ta' rivalsa kontra t-terz li seta kien responsabbli ghall-event dannuz.

Illi t-Tribunal ghalhekk, fil-kaz in dizamina, irid jara jekk s-socjeta konvenuta kenitx b'xi mod responsabbli ghal dan l-event dannuz u cioe' ghal kancellament tal-vjaggi ipprenotati mill-assikurati tas-socjeta attrici. Illi f'dan ir-

rigward, kif diga' gie ippuntwalizzat iktar 'il fuq, hemm qbil bejn il-partijiet, kif del resto ammess anke mill-assikurati stess fix-xhieda taghhom, illi l-vjaggi gew ikkancellati mill-assikurati tas-socjeta attrici ghal ragunijiet personali taghhom, fosthom minhabba mwiet fil-familja jew korriment. Ghal dan ghalhekk ma ghandhiex twiegeb is-socjeta konvenuta u dana peress illi hija kienet ghadha lesta li toffri dak is-servizz li ghalih kienu hallsu l-assikurati tas-socjeta attrici. Inoltre kienet anke lesta bhala kumpens illi taghti *credit note* minflok lill-klijenti taghha. Inoltre kif jirrizulta mill-kundizzjonijiet imposti fuq il-klijenti taghhom, is-socjeta konvenuta taghmilha cara illi hija m'hijiex obbligata thallas kumpens jew tirrifondi xi flus fl-eventwalita illi l-vjagg jigi ikkancellat min-naha tal-klijent. Anzi tirriserva d-dritt illi titlob hlas ghal spejjez inkorsi minnha minhabba dan il-kancellament. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mis-socjeta konvenuta jidhru li huma gustifikati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, ighaddi sabiex jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------